# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru disgħa u għoxrin (29) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 7 ta' Ottubru, 2014, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Fl-assenza tas-Sindku li kien skużat mill-kunsillieri, il-Viċi Sindku ppresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Paul Spiteri ppropona l-minuti li kienu tqassmu mis-SE permezz ta' *e-mail* lill-kunsillieri minn qabel, Grace Marie Mallia issekondat, u dawn kienu approvati unanimament u wkoll kienu ffirmati minn Charlene Zammit għaliex Nicholas Briffa ma kienx qiegħed magħna minhabba ċirkostanzi straordinarji.

3. Dwar il-proposta tal-*Christmas Village*, liema proposta oriġinat mill-Kunsill taż-Żgħażagħ, Charlene Zammit infurmat lill-membri li din issa ġiet sottomessa u l-isem tal-attivita' se jkun Rigal Ħaj. Intant, l-avveniment bil-kollaborazzjoni tal-Fondazzjoni Qalb it-Tfal se jsir f'Misraħ il-Fidwa taħt it-tined, u fost l-oħrajn se jkunu mistiedna persuni li jkunu jistgħu jarmaw bl-artiġġjanat tradizzjonali Malti. Charlene Zammit qalet li se ssir laqgħa ma' uffiċjali tal-każini biex l-attivitajiet ma jaħbtux ma' ta' xulxin. Għall-mistoqsija ta' Grace Marie Mallia fejn kien mitlub *budget* tal-ispiża, il-Viċi Sindku qalet li dan kien sottomess fid-dokumentazzjoni li ntbagħtet mal-applikazzjoni, u waqt il-laqgħa ġiet preżentata kopja tiegħu lill-kunsillieri.

4. Grace Marie Mallia talbet il-kummenti tal-kunsillieri dwar il-proposta mawra ta' Sqallija li kienet qed taħdem fuqha. Paul Spiteri qal illi fl-opinjoni tiegħu m'hemm xejn ħażin li din issir minkejja ċ-ċirkostanzi preżenti, madankollu hu qal li l-fatt li pposponejna l-attivita' kulturali, kien pass floku. Pero' din hija biss proposta ta' mawra kulturali u mhux xi ħaġa ta' divertiment. Għalhekk ġie deċiż li din il-mawra fi Sqallija ssir kif proposta oriġinarjament.

5. Dwar il-lampa li tneħħiet minn Triq Mons Alfons Caruana, is-SE qal li din kienet proposta mill-Korporazzjoni Enemalta, illi jeliminaw arblu u jwaħħlu l-linji mal-blokka bini li kienet qed tgawdi mill-illuminazzjoni tal-lampa. Intant, dan l-arblu kien fih lampa tat-toroq, liema lampa huwa responsabbli għaliha l-KLM. Sadanittant, l-uffiċċju qiegħed f'kuntatt ma' persuna mill-istess korporazzjoni sabiex naraw jekk l-arblu (tal-Korp. Enemalta) jistax jitwaħħal faċċata u terġa' teħel il-lampa miegħu. F'każ illi dawn jirrifjutaw li jagħmlu dan, is-SE għamel kuntatt ma' persuna li toqgħod f'Matla Court, li aċċetta li titwaħħal il-lampa mal-appartament tiegħu. Dwar dan, Grace Marie Mallia talbet li jkunu avvċinati r-residenti l-oħra tal-istess blokka ħalli nkunu ċerti li ħadd ma jkollu diffikulta' f'każ li jsir hekk.

6. Is-SE kien mitlub sabiex jibgħat lill-ħaddiema tal-IPSL sabiex jaqtgħu il-ħaxix ħażin ta' madwar il-ġibjun il-miftuħ għaliex dan kiber ħafna u huwa *eye-sore.*

7. Dwar l-inawgurazzjoni ta' Ġnien Onġi Onġella, intqal li dan kien suċċess, u Paul Spiteri qal li kemm it-tfal, kif ukoll il-ġenituri, apprezzaw ħafna x-xogħol u l-investiment li sar. Intant, is-SE kien mitlub minn Grace Marie Mallia jibgħat ittri ta' ringrazzjament lis-Sinjuri Julia Farrugia, Tania Cardona u Sandra Mizzi. Charlene Zammit qalet li jkun tajjeb li lil dawn it-talin nagħtuhom rikonoxximent fis-serata Ġieħ l-Imqabba 2014, imqar b'ċertifikat.

8. Charlene Zammit qalet illi dwar il-kont tal-kuntrattur Elle's Urban Services li kien revedut 'il fuq anke mill-Perit William Lewis, il-KLM irid imur lura u jifli sew il-minuti biex naraw kemm kienu

jiswew ir-rati tat-tqegħid tal-madum. Il-Viċi Sindku ipproponiet li ssir laqgħa mal-kuntrattur Elle's u l-Perit William Lewis fil-preżenza tagħna, dwar din il-materja.

9. Grace Marie Mallia talbet lis-SE jibgħat lill-ħaddiema tal-IPSL sabiex jaqtgħu il-ħaxix ħażin li kiber quddiem dar fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Il-ħaddiema tagħna kienu marru imma raw biss ix-xtieli li nixfu fir-*roundabout*. Intant, dan il-ħaxix ħażin jidher li kiber fit-triq u mhux fil-ħamrija.

10. Michel Farrugia ħareġ temporanjament mil-laqgħa fis-7:05pm.

11. Dwar l-attivita' marbuta ma' Ġieh l-Imqabba 2014, il-KLM ma rċeviex nomina li tissodisfa l-kriterji/r-regolamenti għal dan l-unur. Hawn Charlene Zammit qalet li f'sena partikolari jkollok diffikulta' bl-ammont ta' nomini ta' persuni validi u f'sena oħra ma jkollokx lanqas nomini validi. Għaldaqstant, skont ix-xewqa wkoll ta' Nicholas Briffa, li s-SE u kunsillieri oħra kienu semgħuh jitkellem dwarha, kien propost li f'dan il-mument jinfetħu l-*files* tas-sena ta' qabel u jiġu kkunsidrati nomini preċedenti ta' persuni li għadhom ma ħadux Ġieh l-Imqabba. Hawn Paul Spiteri ma qabilx u qal li fiċ-ċirkustanzi ma jaqbilx li jsir tibdil fir-regolamenti biex 'nakkomodaw' lil xi ħadd. Intant Grace Marie Mallia talbet li jitniżżel fil-minuti li hi ma qablitx illi fiċ-ċirkostanzi illi s-sindku għadu rikoverat l-isptar, il-Kunsill għandu jagħmel l-attivita' li jkun fiha l-kunċert. Dan b'rispett lejh u lejn il-ħidma twila li hu ta lil dan ir-raħal u lil ħafna nies. Hija qalet li din is-sena lanqas biss se jkun qed jingħata Ġieh l-Imqabba, allura żgur ma kienx se jkun hemm problemi minn dak il-lat. Min-naħa l-oħra hija saħqet illi għandna nispjegaw dan il-ħsieb lis-soċjeta' li jmiss iddoqq din is sena u ninfurmawha illi s-servizz li kienet se tagħti din is-sena jingħata s-sena d-diehla u mhux tintilef sena. Hawn Paul Spiteri u Charlene Zammit (u aktar tard meta reġa' daħal għal-laqgħa, Michel Farrugia) ma' qablux. Paul Spiteri qal li l-perċezzjoni tan-nies se tkun illi fil-kunsill mingħajr Nicholas Briffa ma jsir xejn. Charlene Zammit qablet miegħu u qalet li b'rispett lejn kulħadd, għandna nkomplu naħdmu fuq dak li għamel s'issa Nicky Briffa. Ġieh l-Imqabba huwa appuntament formali man-nies li jsir ta' kull sena u għalhekk din is-sena għandu jsir u fiċ-ċirkostanzi jkun omaġġ għal dak li għamel is-Sindku matul is-sena. Paul Spiteri qal li anke meta miet il-Kappillan tal-Imqabba, dik is-sena saret festa ridotta mill-attivita' esterna, u għaldaqstant ma jarax lok li jitħassar Jum l-Imqabba. Grace Marie Mallia qalet li mhux lok li jsir Jum l-Imqabba din is-sena ħlief il-Quddiesa ta' ringrazzjament. Hawn il-Viċi Sindku qalet li tal-inqas, din l-attivita' formali għandha tinżamm aktar tard matul is-sena, imma f'każ li ma jkunx possibbli li nipposponuha għal Novembru, għandha ssir fid-dati oriġinali, jiġifieri l-25 u s-26 t'Ottubru. Il-KLM għandu jkellem ukoll lill-familja tas-Sindku u jinfurmhom bid-deċiżjoni.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fiċ-ċirkustanzi preżenti tal-assenza tas-Sindku, is-Sur Nicholas Briffa, ma jistax jieqaf kollox fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba u ppropona illi f'dan il-mument ikun hemm *additional signatory person,* biex ikunu jistgħu joħorġu l-pagamenti lill-fornituri tal-Kunsill. Il-kunsillieri kollha qablu unanimament li din il-persuna għandha tkun Charlene Zammit bħala Viċi Sindku, li l-liġi tal-Kunsilli Lokali diġa' tagħtiha din il-fakulta' biex ikun hemm kontinwita' fl-operat tal-Kunsill.

13. F'dan il-mument fis-7:40pm, reġa' daħal Michel Farrugia fil-laqgħa.

14. Kien deċiż illi nitolbu lill-każin li se jdoqq il-banda din is-sena fis-serata Ġieh l-Imqabba 2014 sabiex din tinżamm fit-22 ta' Novembru (dejjem jekk is-sala tal-iskola m'hix problema) u l-Quddiesa ta' Ringrazzjament issir l-għada.

15. Is-SE mal-agenda kien iċċirkola ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena. Dan se jkun revedut u kkunsidrat mill-ġdid fil-laqgħa li jmiss minħabba żbalji fil-formula. Intant se tintbgħat aktar informazzjoni lill-kunsillieri dwar il-figuri kif joħorġu mis-sistema tal-*accounts*, wara li Grace Marie Mallia qalet li d-*deficit* se jkun għoli ħafna għal dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena. Intant Charlene Zammit qalet illi l-aħjar hu li niltaqgħu mal-*accountant* tal-KLM u s-sitwazzjoni tal-*accounts* tal-KLM għandha titla' fl-agenda tal-laqgħa li jmiss.

16. Michel Farrugia semma d-diskors ta' l-Onor Stefan Buontempo li sar fil-ftuħ ta' Ġnien Onġi Onġella, fejn semma li approva fondi addizzjonali għall-KLM. Hawn is-SE qal li hu u s-Sindku

bagħtu ittra lid-Direttur għall-Gvern Lokali fejn kien ikkwotat l-istess Segretarju Parlamentari, iżda s'issa għadna mingħajr risposta. Il-KLM iddeċieda li jkellem lill-Onor Stefan Buontempo direttament.

17. Dwar il-Fond għat-Titjib Urban, kien deċiż illi nkellmu lill-Perit William Lewis ħalli dan imexxi d-*DNO* li se tkun tirrifletti kull tibdil li sar mill-pjanti oriġinali, speċjalment bl-istruttura tad-daħla tal-ġnien. Sakemm ma tgħaddi din id-*DNO*, ma jistax jinħareġ il-*conformity certificate*, u għalhekk la jkollna meter tal-elettriku u lanqas ma jingħataw il-fondi allokati mill-*MEPA* minn dan il-fond.

18. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 487.

19. Grace Marie Mallia semmiet il-każ ta' ħsara fuq *tire* ta' vettura fi Triq il-Parroċċa, fejn qalet li l-KLM hu responsabbli mill-bankina u għalhekk għandu jfittex lill-kuntrattur filwaqt li l-individwu qed jiġri wara l-KLM. Hawn intqal illi l-KLM ma kienx jaf bi qlugħ tal-kurduna. Dan l-att sar mingħajr permess, u ntqal ukoll illi x-xufier kien imissu qagħad aktar attent, anke għaliex li kieku kien għaddej xi ħadd kien jolqtu.

20. Grace Marie Mallia tat in-numru tat-telefon ta' Joseph Camilleri li hu l-*licencee* tal-kamra tan-nar ta' Santa Marija biex tiġi miżbura siġra li hemm fil-lokalita' tas-Siġġiewi mill-*Environmental Landscapes Consortium*.

21. Grace Marie Mallia reġgħet fakkret fil-bankina li hija kolla ħażiż fi Triq il-Kileb. Din għandhom jirranġawha l-ħaddiema tal-KLM għax hija perikoluża għan-nies. Charlene Zammit semmiet ukoll il-bankina ta' Triq il-Barumbara li għandha d-difett li hija lixxa ħafna u għalhekk tiżloq ħafna. Grace Marie Mallia reġgħet fakkret lill-KLM f'residenta li lesta li tagħtina palma biex il-KLM ipoġġiha fejn irid u qed ikun suġġerit li titpoġġa fl-Isptar il-Qadim.

22. Grace Marie Mallia talbet li tissolva l-problema tal-għadajjar tal-ilma tax-xita fi Triq Santa Katerina u fi Triq il-Mitħna. Hawn is-SE qal li dawn mhux żewġ toqbiet li wieħed jista' jpoġġi ftit patching fuqhom, iżda partijiet sħaħ tat-triq li jridu jinqalgħu u jsiru mill-ġdid, li fil-passat kienu diġa' inqalgħu u l-kuntrattur reġa' għamilhom mill-ġdid. Għaldaqstant, il-Viċi Sindku qalet li għandna ninvolvu lill-Perit William Lewis.

23. Michel Farrugia qal li avvicinawna tan-nar, għaliex hemm applikazzjoni għal żvilupp fejn jinħaraq in-nar. Is-SE talab id-dettalji tal-*Permit Application* li jkun viżibbli mis-*site notice* biex naraw x'qed ikun propost.

24. Paul Spiteri fakkar fis-siġar li hemm biex jinqalgħu quddiem iċ-ċimiterju, kif ukoll illi f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira qed jinħareġ ħafna skart minn kmieni u matul il-lejl u jitħalla barra biex jinġabar filwaqt li jinqasmu l-boroż.

25. Il-laqgħa li jmiss tal-KLM se ssir nhar il-21 ta' Ottubru, 2014 fis-6:30pm u din il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*21/10/2014 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |